Minuti tal-Laqgħa Nru. 5 tas-Seba’ Kunsill Lokali ta’ Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d’ Argens, Il-Gżira, nhar it-Tlieta, 11 t’ Awwissu 2015 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Ralph Mangion |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sra. Graziella Schembri<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Jeremy Cardona |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |
| Preżenti wkoll | Is-Sur. Fabian Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta’ Ħlasijiet
5. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsillier Galea talab li jkun hemm korezzjoni fuq ismu peress li kien qed jidher John.

1.2 Il-Kunsillier Cardona qal li fuq l-item ta’ Tas-Sliema dan mhux garaxx għandu imma hemm spazju u kien qed jagħmel no parking.

1.3 Fuq punt 3.27 il-Kunsillier Galea qal li din trid tigi Claudette Abela Baldacchino.

1.4 Il-minuti ġew approvatti.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MIL-MINUTI

**Mobile Toilets**

2.1 Is-Sindku saqsa lill-Kunsillier Chetcuti jekk kienx mar xi ħadd inaddaf il-lattrini. Il-Kunsillier Chetcuti qal li dawn kienu tnaddfu. Il-Kunsilliera Schembri qalet li hija kienet marret fis-7.00 am u dawn sabithom imnaddfin.

**Bilboards**

2.2 Is-Sindku saqsa lill-Kunsillier Galea fuq il-billboards jekk kellux xi informazzjoni. Il-Kunsillier Galea qal li huwa kien mar il-MEPA u fittex għand il-plotting. Hawn kien jidher li ma kien hemm ħadd li applikka għalihom. Huwa sab ukoll li kien hemm enforcement fuq il-Kunsill Lokali tal-Gżira. Huwa qal li se jġib kopja tal-enforcement notice. Huwa qal li mhux sewwa li tintefa r-responsabilta fuq din il-leġislatura.

2.3 Il-Kunsillier Hewitt issuġġerrixxa biex ikun hemm rapport lill-MEPA fuq dan il-każ.

2.4 Il-Kunsillier Hewitt qal ukoll li jekk jinstab minn għamel dawn il-bilboards b’ mod abbużiv u jkun hemm prova meta dawn tpoġġew fil-post, il-Kunsill Lokali jkun jista jħarrek il-Qorti minn installahom u jitlob kumpens minn kemm ilhom dawn installati. Huwa issuġġerrixxa wkoll biex nieħdu parir mingħand l-avukat.

**Vettura tal-Kunsill**

2.5 Is-Sindku saqsa lill-Kunsilliera Schembri fuq il-karozza jekk kelliex risposta minn naħa tal-iskola jekk iriduhiex.

2.6 Il-Viċi Sindku semma li jekk il-vann ikollu l-karru fuq wara dan jkollu problema għall minn isuqu biex jmmanuvrah.

2.7 Il-Kunsilliera ssuġġerrew biex sakemm il-Kunsill Lokali ikollu vann għall użu tiegħu għalissa jkollu vann mikri. Il-Kunsilliera semmew ukoll biex l-anzjani dawk li se jkun hemm jattendu d-Daycentre jistgħu jiġu pprovduti trasport.

2.8 Il-Kunsillier Hewitt semma li jekk jinkera l-vann dan l-aħjar jinkera fit-tul. Huwa qal li vettura wara sitt snin ikollha running costs għoljin, għalhekk huwa issuġġerrixxa biex jekk tinkera l-vettura tinkera għall sitt snin mill-ewwel.

**U-Bars, Bye-Laws u DNO**

2.9 Is-Sindku semma li fuq il-U-Bars kien tkellem mal-avukat u rreferilu l-Bye Law fejn hemm bżonn li jinbidel il-wording u jkun hemm kundizzjoni li dawn jinżammu mill-Kunsill.

2.10 Is-Sindku semma li biex dawn jinbiegħu bħala reklamar irridu nagħmlu promozzjoni tajba fejn jista jsir in-numru tal-Kunsill fuqhom u minn ikun interessat iċempel hemm.

2.11 Il-Kunsillier Hewitt qal li fuqhom tista issir flat rate u l-prezz kemm dawn jinbiegħu niddeċieduh aħna. Huwa semma li tista ssir laqgħa apposta fejn niddiskutu kif se jsiru l-affarijiet fuq dan l-item.

2.12 Il-Kunsillier Hewitt semma li rridu naraw fejn jidħlu permessi ta dawn mal-MEPA jekk ikunx hemm bżonn u anki mat-Transport Malta bħala awtorita. Huwa qal biex kif imbagħad ikun stabbilit x' għandu jkollu l-Kunsill jinħarġu d-dokumenti tat-tenders.

2.13 Is-Sindku semma wkoll li fuq il-Bye Law tal-cameras tkellimna mal-avukat fejn huwa qal biex il-Kunsill jiċċekkja x' hemm diġa bħala infurzar minn naħa tar-Reġjun.

2.14 Is-Sindku semma li fuq il-Bandli kien wasal id-DNO. Huwa qal li kien kellem il-perit biex jiġri wara l-MEPA ħalli jsir il-kuntratt fuq il-UIF. Huwa issuġġerrixxa biex naraw mal-perit x' kien sar fuq dan l-item.

**Permessi**

2.15 Il-Kunsillier Chetcuti semma li fuq punt 3.29 issa laħaq il-qofol tiegħu fuq l-inċident li kien għadu kif seħħ. Huwa semma li fuq dan l-inċident ħarġu diversi issues li l-Kunsill ma kienx konxju tagħhom. Huwa semma li kien hemm diversi skips mingħajr dawl. Huwa semma li hemm diversi postijiet fejn kien qed isir ix-xogħol li l-Kunsill Lokali ma kienx infurmat fuqhom.

2.16 Is-Sindku semma li l-aħjar jekk kulħadd jkun immultat mill-gwardjani meta dawn jaslu fil-post fil-ħin, u jħallas l-istess ammont għall permessi.

2.17 Is-Sur. Fabian Borg elabora li kien qed ikun hemm diversi permessi u kien qed isir abbuż billi dawn jiksru l-kundizzjonijiet u l-gwardjani lokali ma kinux qed jaslu fil-ħin. Is-Sindku semma li huwa kien kellem lil AO tar-Reġjun fuq din il-problema.

2.18 Is-Sindku semma li kellha issir laqgħa l-għada mal-OHSA biex tkun diskussa aħjar din il-problema speċjalment wara l-inċident li ġara.

2.19 Is-Sur Hewitt saqsa fuq punt 3.18 tal-minuti preċedenti. Is-Segretarju qal li huwa kien bagħat lid-DLG u kien se jerġa jibgħat reminder.

2.20 Fuq punt 3.24 il-Kunsillier Chetcuti semma li kien hemm bozza li kienet inbidlet. Il-Kunsillier Chetcuti qal ukoll biex fejn hemm il-Convenience issir bozza peress li hemm nuqqas ta dawl. Huwa semma wkoll li l-binja ta maġenb il-Convenience din tista tkun tal-KNPD.

2.21 Il-Kunsillier Chetcuti li tal-BOV huma kienu ramaw scaffolding u kienu diġa kellmuhom.

## 3.0 KORRISPONDENZA

### Crane fi Triq Reid

3.1 Is-Sindku semma li fuq il-crane ta' Reid Street huwa kien iċċekkja mal-Perit fejn dan qallu li normalment bħala tower crane dan ikun 3.3 m by 3.3 m u mhux 5 metri. Huwa qal li l-Perit kien ra fuq il-post kif jiġi bħala tower crane. Wara diskussjoni kien konkluż biex il-Perit tal-Kunsill jikteb lill-Perit tal-kuntrattur fuq dak li kien sab.

### Toilets

3.2 Is-Sindku qara email mingħand tal-gabbani fejn kienet tgħid li biex isiru t-toilets maġenb il-post kien jeħtieġ approvazzjoni fuq l-aċċessibilta minn naħa tal-KNPD.

3.3 Il-Kunsillier Galea semma li bħala post fejn iservi l-ikel dan huwa mitlub li jkollu toilets maġenb l-istabiliment tiegħu.

3.4 Is-Sindku semma li biex dan ikollu toilet mqabbad mad-drainage kellu problema peress li jrid ikollu medda twila. Il-Kunsilliera issuġġerrew biex naraw il-permess li dan għandu u naraw x' kundizzjonijiet hemm.

### Ġibjuni

3.5 Is-Sindku saqsa fuq il-punt tal-ġibjuni li kien imsemmi fil-minuti ta' qabel. Il-Kunsillier Galea qal li Claudette Abela Baldacchino kienet taf fuq il-proġett u anki l-Ministru Joe Mizzi. Is-Sindku qal li kien hemm bżonn li f' diż-żona jkun hemm parkeġġ speċjalment fi żmien l-iskola. Is-Sindku appella biex niċċekkjaw x jista jsir fuq il-parkeġġ qabel ma tibda l-iskola.

### Street Lighting

3.6 Il-Kunsillier Hewitt semma li fuq il-Fawwara Gate is-supplier kien se jġib quotations oħra biex ikun hemm ċans li jinġiebu l-aħjar prezzijiet.

3.7 Is-Sur. Fabian Borg semma li fuq dan il-proġett huma kellhom laqgħa mas-Sur. Henry li kien xettiku fuq il-proġett fejn għandu x' jaqsam konsum tad-dawl. Waqt il-laqgħa kien hemm ukoll is-Sindku u l-Kunsillier Hewitt. Is-Sur. Henry imbagħad għadda t-talba lill-Board of Directors fejn dawn għadhom ma tawx risposta.

3.8 Is-Sindku semma li la din id-darba imxew b' dan il-mod magħna meta jasal l-BMW audit għandhom il-Kunsill Lokali għandu diġà bargaining power peress li l-kumpanija kull darba qed jgħinha tiffranka ħafna flus.

3.9 Is-Sur. Borg qal li kien hemm ukoll ftehim tal-istreet lighting li dawn ħarġu wkoll minnu. Is-Sindku semma li jekk hemm bżonn li jsiru bozoz dawn xorta għandhom isiru peress li f' din iż-żona partikulari hemm nuqqas kbir ta' dawl.

3.10 Il-Kunsillier Hewitt semma li tal-Marshall Court kellu permess biex isir ir-reserved parking, imma huwa wera ritratti li mill-mod kif kien sar dan il-parking kien qed jieħu spazju ta żewġ postijiet. Huwa qal li apparti li jkun hemm il-lista rridu naraw kif dawn ikunu saru.

3.11 Is-Sindku semma li l-bozoz tax-Xatt kien inbidlu.

3.12 Il-Kunsillier Cardona saqsa jekk kinitx se ssir xi ħaġa biex ma joqgħodux ħamiem fuq il-globi. Is-Sindku semma li għandna naraw jekk il-miżuri li huwa sab jkunux effettivi.

**Traffic Management**

3.13 Il-Kunsillier Cardona saqsa kif kien baqa fuq il-lista tal-unloading li kellu jirċievi l-Kunsill mit-TM.

3.14 Il-Kunsillier Cardona semma li tat-Topsy ma kellux permess għall unloading. Is-Sindku semma li din se tkun qed titneħħa minnufih.

3.15 Il-Kunsillier Chetcuti saqsa fuq il-parking bay ta Reid Street. Il-Kunsillier Galea qal li din kienet tneħħiet.

3.16 Il-Kunsillier Galea semma li kien hemm parking bay fi Triq il-Vitorja biex din titneħħa. Is-Sindku semma li huwa kien talab lis-Superintendent biex ikun hemm preżenti waqt li dawn jitneħħew.

3.17 Is-Sindku semma li jista jsir eżerċizzju triq, triq fejn naraw x' hemm bżonn jsir.

3.18 Il-Kunsilliera Schembri semmiet fuq l-illegalitajiet li kien semma l-Kunsillier Cardona fil-laqgħa preċedenti, biex dawn ikunu indirizzatti waqt dan l-eżerċizzju.

3.19 Il-Kunsillier Cardona semma li għandna nkellmu lill-KNPD biex jaraw fejn ikun hemm problemi tal-KNPD u dawn jkunu regolarizzatti. Is-Sindku semma li se tinġieb lista minn naħa tat-TM biex naraw l-irregolaritajiet.

3.20 Il-Kunsillier Galea semma li dawk li l-parking bays li kienu saru ta Posnsonby Street il-linji iridu jkunu dritti biex jiggiwdaw lin-nies.

3.21 Il-Kunsillier Cardona semma li meta kienet għamlet ix-xita huwa għaddha minn Triq Carlo Manche u kien hemm problema t' ilmijiet fejn huwa anki ħa ritratti. Huwa semma li ltaqa ma residenti li semmew li daħlulhom ilmijiet fid-dar.

**Website**

3.22 Is-Sur. Fabian Borg qal li rigward il-website kien hemm error mill-SQL li meta l-homepage kienet qed titħassar din kienet qed terġa titla.

3.23 Is-Sur. Fabian Borg ta' preview kif kellha tkun il-website fejn huwa spjega lill-Kunsilliera li din kien se jkollha profili tagħhom u anki video introduction. Huwa semma li se jkun qed jkompli jagħmel upgrade biex din tkun finalizzatta.

**Attivita Jum il-Gżira**

3.24 Il-Kunsillier Galea saqsa fuq Fr. John. Is-Sindku semma li fuq l-attivita tal-anzjani huwa kien kellem lill-Kappillan u semmillu lil Fr. John fejn huwa qabel li dan għandu jkun mistieden.

3.25 Fuq punt 3.13 is-Sindku semma li huwa kien tkellem ma tal-Banda u spjegalhom kif kien il-ftehim u huma qablu li jitħallsu b' dan il-mod.

3.26 Il-Kunsillier Cardona qal li f' każ li tkun organiżżata attivita fl-okkażżjoni ta' Jum il-Gżira insibu nies aħna imma l-Każin xorta jkollhom bandist bħala parti mill-organiżżazzjoni biex jirrappreżenta l-Każin.

3.27 Il-Kunsillier Chetcuti qal li l-Każin ma jaċċettawx li ssir xi ħaġa bħal din imma l-prinċipju huwa tajjeb.

3.28 Is-Sindku semma li għas-sena d-dieħla jista jkun hemm Gżira week fuq bażi ta ġimgħa fejn qabel anki radio kien ikun hemm.

3.29 Il-Viċi Sindku qal li huwa għandu ħabib li jista anki jġib karozzini. Il-Kunsillier Chetcuti qal li huwa jaf persuna li tista ġġib karozzi antiki.

**Amministrazzjoni**

3.30 Is-Sindku semma li kien hemm email minn naħa tal-ERL fejn huma kienu qed jitolbu biex Priscilla Saliba terġa tirritorna magħhom. Huwa semma li hija kienet lesta li tirreżenja minn mal-ERL sabiex tibqa mal-Kunsill Lokali. Hi b' hekk imbagħad tiġi mal-Gvern.

3.31 Is-Sindku semma li se terġa toħroġ is-sejħa għall iskrivani billi dan il-proċess kien waqaf.

3.32 Il-Kunsillier Hewitt ssuġġerixxa biex bħala passi jkun hemm ticketing system li tkun mal-website. Ikun hemm sejħa oħra biex jkunu ingaġġatti persuni oħra mal-Kunsill Lokali u jkun hemm full time u part time li fosthom ikun hemm żewġ skrivani full timers.

3.33 Is-Sindku semma li fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv biex dan jinstab wieħed full timer irid ikun hemm il-pool li jinfetaħ aktar.

3.34 Il-Kunsillier Galea saqsa fuq il-każ ta' Marion li kienet qed tagħti servizz lill-Kunsill meta din suppost kienet irtirata. Is-Segretarju semma li huwa riċentament kien infurmat fuq Marion u kien se jkompli jara kif din tista tkun regolariżżata mal-Kunsill Lokali.

3.35 Is-Segretarju semma li fuq Jurgen huwa kien qed jiċċekkja mad-Dipartiment biex jara taħt liema skema dan seta jkun inkorporat.

3.36 Is-Sur. Borg qal li l-cards kien se jkun hemm delivery tagħhom il-ġimgħa d-dieħla.

**Tindif**

3.37 Il-Kunsillier Cardona semma li fuq tal-kennies xorta kien qed jibqa li ċerta postijiet ma jinkinsux sew. Is-Sur. Fabian Borg semma li meta kien sar il-kuntratt, il-kuntrattur kellu miktub li dan kellu jżomm il-lokalita predominantely clean u li din ma kinitx tajba.

## 4 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

4.1 Is-Sindku semma li kien għad fadal pagament li kien pendenti minn naħa tal-futbol li dawn kellhom jitħallsu pagament ta € 8,000.

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 11 t' Awwissu 2015 fit-8.50 pm. Kien hemm il-ġurnata tat-Tlieta 25 t' Awwissu 2015 proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________ 2015.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Conrad Borg Manche | Michael Portelli |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |